# ARTIKLU

Mlnn Dun Karm Bezzina



## PULIZIJA LI NIFTAKAR

L-għassa tal-Pulizija kienet għadha fejn illum hemm il-Museum tas-subien. Kien hemm is-Surġent Sultana mill-Floriana, u żewġ kuntistabbli: Pawlu minn Birżebbuġa, u Pawlu minn Birkirkara.

**SNIN TLETIN:**

Is-surġent Sultana kien ġie joqgħod f'dar quddiem l-iskola, flimkien mal-familja tiegħu. Sultana kien bniedem serju, ta' ftit kliem, ta' l-affari tiegħu. Wieħed minn uliedu, il-kbir, ukoll laħaq surġent, u miet fl-1983.
Il-Kuntistabbli Pawlu minn Birkirkara kien ftit beżżiegħ. Darba wara nżul ix-xemx ċemplulu li kien hemm karozza misruqa fuq il-pont ta' Wied id-Dis; ma marx waħdu. Lesta r-rota, qal bil-fatt lil xi nies, u wieħed raġel offrielu li jmur miegħu. Niżlu bil-pass għalkemm Pawlu kellu r-rota. Sa kemm waslu kien dalam. Meta ġie l-Ispettur jara l-fatt, u dan kien se jitlaq, Pawlu tela' miegħu fil-karozza, u ħalla r-rota f'idejn dak li akkompanjah biex iwassalha l-Għassa.
Pawlu l-ieħor, ta' Birżebbuġa, kien iżommha wisq. Darba qabel il-gwerra (1939-45) waqt il-marċ ta' l-aħħar nhar San Bert, xi wħud bdew jitbellħu; hu kien pront wriehom b'idu l-beritta fuq rasu, u qalilhom: "Ftakru li hawn din".
Fi żmien dawn il-pulizija, l-Għassa marret fi Triq San Bert fejn hi llum. Wara s-surġent Sultana, ġie "Il-Ġurdien", is-surġent Spiteri. Kien tassew ġurdien li jaf jaqbad il-ħallelin u 'l dawk li jiksru l-liġi. Sħabu kienu li sejħulu hekk. Tgħidx kemm ġrieden qabad bil-mod li bih kien jistaħba u jistenna l-ħati. Huwa kellu żewġt itfal subien, kien sikwit itellagħhom miegħu, jibgħathom il-Museum, jew iħallihom jilagħbu mat-tfal li kien jaf hu.

**IL-GWERRA:**

Fit-tieni gwerra ġie s-surġent Loretu Galea, minn Għajnsielem, u l-kuntistabbli Rafel mir-Rabat ta' Malta. Kienu nies ta' servizz fil-veru sens tal-kelma. Kien hawn ukoll il-kuntistabbli Testa mill-Floriana. Kien żagħżugħ pulit, edukat u ġentili; kellu ġibda lejn l-istudenti. Kien jara kif jagħmel biex iġib il-gazzetta "Young Malta" u jqassamhielna.



**Sa l-1933 l-Għassa kienet fejn illum hemm il-Museum tas-subien**



L-Għassa ilha fuq 70 sena fi Triq San Bert

Fi żmien dawn inqalgħu żewġ inċidenti. Darba filgħodu, mat-tmienja, ġriet ix-xniegħa li fuq il-blat qrib San Brincat, sabu mara mitluqa hemm. Billi kienet bi ħwejjeġ mill-inqas, il-pulizija ddobbaw xkora, taqqbuha u libbsuhielha. Aħna t-tfal morna fuq iċ-ċint il-wiesa', u rajnieha għaddejja. Pawlu Bianco, tifel rifuġjat mill-Belt, kien fostna, u qalilna: "Dik nafha, dik il-Pudina tal-Belt". Hekk kien. Imbagħad is-surġent Loretu qabbad karozzin u lill-Franġiska tat-tfal, biex iwassluha 'l isfel mal-pulizija, forsi lejn il-ħabs jew il-manikomju.

**WARA:**

Wara l-gwerra (1939-45) saret l-akbar xenata fir-raħal kontra l-pulizija, meta ġie konfiskat in-nar ta' l-ajru tal-festa. Ma kienx hemm permess għalih. Kien ma' nżul ix-xemx u malajr inġabru n-nies fil-pjazza u fi Triq San Bert. Iżda wara ftit ħin deher quddiem l-għassa l-Ispettur Scicluna, u għajta waħda minn tiegħu warrbet lil kulħadd, waqt li t-trakk mgħobbi bin-nar kien għadu ma telaqx.

Is-surġent Loretu kien spiċċa bil-pensjoni, baqa' joqgħod ir-raħal, u miet fl-għassa tal-pulizija, ħdejn it-telefon. Rafel kien ħabib ma' kulħadd, iżda m'hemmx ċajt fejn jidħol is-servizz. Wara l-Gargur kien kuntistabbli l-Imdina.

Ma' dawn ma ninsiex lil Leli Galea mill-Mellieħa. Kien bniedem ħafif, twil u rqiq. Jagħmel ir-ronda regolari. Filgħaxija u bil-lejl kien joħroġ b'papoċċ ħafif u ma tħossux għaddej. L-aħħar li rajtu kien f'San Pawl il-Baħar, ħdejn il-kunvent tal-patrijiet konventwali, u kellu kollezzjoni kbira ta' kuċinieri.

**DIVERSI:**

Wara dawn kien hemm oħrajn, sew Maltin sew Għawdxin, bħas-surġent Sacco, bniedem dħuli u kalm, kif ukoll is-surġent Pawlu Attard li wara laħaq Assistent-Kummissarju. Lil dan għadna sikwit narawh fostna. Fost Għawdxin oħra kellna lil Said min-Nadur, lil Joe Sciberras (is-Sisu), lil Żaren. Għamlu żmien hemmhekk, u draw in-nies.

Mir-raħal kien hawn żewġ surġenti fostna: Bertu Sant u Wiġi Mifsud, irġiel li komplew bis-serjetà s-servizz tagħhom. Pulizija oħrajn li għamlu żmien magħna kienu Victor Deguara u Joe Gatt, it-tnejn min-Naxxar, li llum joqogħdu l-Gargur, ma' dawn inżidu s-surġent Catania. Fost pulizija oħra mir-raħal insemmu lil Peter Aquilina, Karmnu Aquilina, Joe Dowling, Joe Pullicino u Fonzu Spiteri.

Żgur li kien hemm oħrajn li ma niftakarhomx. Semmejt lil dawk li taw servizz fir-raħal, għaliex kien hemm pulizija Għargħurin li taw jew għadhom jagħtu servizz fi bnadi oħra ta' Malta, bħall-aħwa Mula, u l-Ispettur Zarb. Minn dawn xi wħud mietu, oħrajn għadhom magħna. Jalla l-Mulej jagħti l-mistrieħ lil dawk mejtin u jieqaf ma' l-oħrajn fit-taħbit tal-ħajja.